**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 414/17AL

Ab
Vs
cd

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

1. Illi l-partijiet izzewgu Malta fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku u dan kif jidher mic-cerifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";
2. Illi l-esponenti sseparat legalment minn ma` zewgha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B";
3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt

ta’ separazzjoni personali datat tmintax (18) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) surreferit u ghalhekk ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal iktar minn erba` (4) snin matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u b’hekk jissodisfaw il-kriterja tal-Artikolu 66B;

5. Illi dwar il-manteniment il-partijiet rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu minghand xulxin u dan skont l-Artikolu 4 tal-istess kuntratt;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Novembru 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Gunju 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.